**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 81/2019 BS**

**George Zammit**

**-vs-**

**Jeffrey u Louis aħwa Zammit**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1. *"Illi permezz ta' żewġ kuntratti ta' akkwsit fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo tas-sbatax (17) ta' Marzu elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994) u tal-erbgħa' u għoxrin (24) ta' Marzu tal-elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994) (kopja ta' liema qed jiġu annessa u mmarkata bħala Dok. GZ1 u Dok. GZ2), ir-rikorrent akkwista s-segwenti bicciet raba' li jinsabu lkoll fil-limita tal-Għasri, Għawdex u cioe':*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 sa 17.

i. *"Tal-Kamra tal-Ħofra" tal-kejl ta' circa tlett mija u hamsa u tletin metri kwadri (335m.k.) u konfinanti mit-tramuntana beni ta' Ċarmelo Agius, nofsinhar beni ta' Rikardu Zammit u punent beni ta' Joseph Formosa, libera u franka;*

ii. *"Tal-Wilġa" sive "Tal-Ħġieri" maqsuma f'żewġ bicciet kull waħda ta' circa mija u hamsa u hamsin metri kwadri (155m.k.) u konfinanti, waħda mit-tramuntana beni ta' Joseph Zammit, punent beni ta' George Attard u nofsinhar beni ta' Emanuel Farrugia; u oħra mit-tramuntana ma' beni ta' Michelangelo Zammit, punent beni ta' Michele Saliba u nofsinhar beni ta' Joseph Zammit liberi u franki;*

iii. *"Tal-Ġordan" sive "tal-Fenek" waħda ta' circa tlett mija u sitta u hamsin metri kwadri (356m.k.) u konfinanti mil-Ivant u tramuntana ma' beni ta' Michelangelo Zammit u punent beni ta' Rikardu Zammit; u l-oħra tal-kejl ta' circa mija u hamsa u għoxrin punt tmienja metri kwadri (125.8m.k.) u konfinanti minn Nofsinhar u Punent ma' beni ta' Rikardu Zammit u Lvant ma' beni ta' Michelangelo Zammit, liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħhom kollha;*

2. *Illi l-intimati qed jokkupaw l-immobbli fuq deskritti u qegħdin jagħmlu dan mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;*

3. *Illi minkejja interpellati, anke permezz ta' ittra ufficjali numru erba' mija u sittax tas-sena elfejn u dsatax (416/2019) datata sebgħa' (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) (kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bħala Dok. GZ3)*[2] *l-intimati nonostante baqgħu indampjenti;*

4. *Illi fl-umli fehma tar-rikorrent, l-intimati ma għandhom l-ebda eccezzjoni valida skont il-Liġi x'jissolevaw f'din il-kawża;*

5. *Illi għalhekk jezistu l-elementi kollha rikjest mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Mala) sabiex din il-kawża tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smigħ;*

6. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

[2] Jirrizulta li fil-fatt din l-ittra iggib in-numru referenzjali 416/2017 – ref. kopja annessa a fol 17.

7. *Illi, għalhekk, kellha ssir din il-kawża.*

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

a. *"Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

b. *Tiddikjara illi l-intimati qegħdin jokkupaw l-imsemmija bicciet raba' li jinsabu fil-limiti tal-Għasri, Għawdex u qegħdin jagħmlu dan mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;*

c. *Tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-imsemmija bicciet raba' li jinsabu fil-limiti tal-Għasri, Għawdex entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qori;*

*Dan taħt dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjez kollha inklużi dawk tal-ittra ufficjali numru erba' mija u sittax tas-sena elfejn u dsatax (416/2019) datata sebgħa' (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017)[3] kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat, kompriz kull azzjoni għall-ħlas ta' kera u/jew danni konsegwenzali."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Jeffrey u Louis aħwa Zammit[4] illi eċċepew:**

1. *"Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fid-dritt u fil-fatt.*

2. *Illi infatti, bħala suċċessuri u eredi universali ta' missierhom Michaelangelo sive Ġanġu Zammit huma jiddetjenu l-artijiet de quo b'titolu ta' qbiela. Infatti dan il-qbiela kienet ġiet ikkuntrattata ferm qabel ma r-rikorrenti akkwista l-artijiet de quo, minn Sunta Buttigieg, l-awtriċi fit-titolu tiegħu. Din Sunta Buttigieg kienet u baqgħet regolarment taċċetta l-qbiela sal-mument li hija u ħuha biegħu dawn l-artijiet lir-rikorrenti. Wara dakinhar Ġanġu Zammit u, warajh, l-esponenti baqgħu dejjem jiddepositaw din il-*

[3] *Ibid.*
[4] Risposta guramentata a fol 33 u 34 b'dokumenti annesis a fol 35 sa 53.

*qbiela taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti stante r-rifjut ta' George Zammit li jaċċetta dan il-ħlas.*

3. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

4. *Fir-rigward tal-paragrafi enumerati tar-rikors promotur, l-esponenti jiddikjaraw li l-kontenut tal-ewwel paragrafu ma huwiex qiegħed jiġi kkontestat.*

5. *Il-kontenut tat-tieni paragrafu qiegħed jiġi kkontestat fis-sens li l- esponenti verament jokkupaw dawn l-artijiet imma huma qegħdin jagħmlu dan bis-saħħa tat-titolu ta' qbiela li hemm fis-seħħ favur tagħhom.*

6. *Illi kien għalhekk li l-esponenti rrifjutaw li joħorġu minn din ir-raba meta ġew interpellati jagħmlu dan mir-rikorrenti.*

7. *Illi għal dawn ir-raġunijiet il-kontenut tar-raba' u l-ħames paragrafu huwa kompletament skorrett.*

8. *Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat inkluż [i] l-att ta' akkwist tas-17 ta' Marzu, 1994 in atti Nutar Michael Refalo li bih l-attur akkwista żewġ porzjonijiet minn sitta – 2/6 – indiviżi, mir-raba' "Tal-Kamra tal-Ħofra", "Tal-Wilġa" sive "Tal-Ħġieri", u "Tal-Ġordan" sive "Tal-Fenek" kif deskritti fir-rikors ġuramentat;[5] [ii] l-att ta' akkwist tal-24 ta' Marzu, 1994, ukoll in atti Nutar Michael Refalo li bih l-attur akkwista ebra' porzjonijiet minn sitta – 4/6 – indivizi, mir-raba' "Tal-Kamra tal-Ħofra", "Tal-Wilġa" sive "Tal-Ħġieri", u "Tal-Ġordan" sive "Tal-Fenek" kif deskritti fir-rikors ġuramentat.[6]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2019, wara trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, il-konvenuti ġew akkordati terminu sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom.[7]

[5] Kopja tal-kuntratt a fol 5 sa 7 bi pjanti a fol 8, 9, u 10.
[6] Kopja tal-kuntratt a fol 11 sa 13 bi pjanti a fol 14, 15, u 16.
[7] Verbal a fol 32.

**Rat** id-dokumenti esibiti mar-risposta ġuramentata konsistenti [i] fi rċevuti ta' ħlas ta' qbiela minn Michelangelo sive Ġanġu Zammit lil Sunta Buttigieg jew Toni Zammit rigward "kamra tal-Ħofra", "raba' ta' Ġurdan", u "ta' fejn takar" referibilment għas-snin 1983 sa 1993;[8] [ii] ċedoli magħmulin fis-snin 1994 sa 2019 minn Michelangelo Zammit u warajh minn uliedu l-konvenuti kontra George Zammit, l-attur, għal qbiela dwar l-istess raba' li jiċċaraw li l-porzjonijiet raba' relattivi huma "Tal-Ġordan", "Tal-Ħġieri" sive "Ta' fejn t'Għakkar", u l-"Kamra tal-Ħofra".[9]

**Rat** li fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru, 2022 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.[10]

**Rat** li fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2023 il-konvenuti ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.[11]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-kontroeżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għall-preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għal-lum għas-sentenza.[12]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[13]

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-gurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**George Zammit**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[14]

[8] Kopji ta' ircevuti a fol 35 sa 37.
[9] Kopji tac-ċedoli a fol 38 sa 49 u a fol 51 u 52.
[10] Verbal a fol 152.
[11] Verbal a fol 156.
[12] Verbal a fol 188.
[13] Nota tal-attur a fol 191sa 205. Nota tal-konvenuti a fol 206 sa 212.
[14] Affidavit a fol 30 u 31.

Jiddikjara li huwa akkwista l-artijiet in mertu, fl-Għasri, Għawdex, b'żewġ kuntratti, wieħed tas-17 ta' Marzu, 1994 u ieħor tal-24 ta' Marzu, 1994, it-tnejn in atti Nutar Michel Refalo.

Jgħid li l-konvenuti aħwa Zammit qed jokkupaw dawn l-artijiet mingħajr titolu fil-liġi.

Iżid li huwa interpella lill-konvenuti b'ittra ġudizzjarja tas-7 ta' Settembru, 2017 sabiex dawn jiżgumbraw mill-imsmemija artijiet iżda huma baqgħu inadempjenti.

Jgħid li għalhekk ma kellu ebda alternattiva għajr li jibda dawn il-proċeduri ta' żgumbrament.

**B'affidavit ulterjuri**,[15] iddikjara li l-konvenuti Jeffrey u Louis aħwa Zammit, ulied Michelangelo sive Ġanġu Zammit, qed jokkupaw l-artijiet tiegħu mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Iżid li l-artijiet in mertu huwa akkwisthom mingħand Ċarmen Camilleri, Antonia Sultana, Maria Vella, Leli, Victor, u Sunta Buttigieg, aħwa ġermani Zammit.

Jgħid li Ġanġu Zammit, missier il-konvenuti, kellu f'idejh raba' ieħor fl-istess inħawi li wħud minnu jmiss ma' dak akkwistat minnu.

Jgħid li qabel hu akkwista mingħand l-aħwa Zammit, missier il-konvenuti, Ġanġu, neħħa l-qsami bejn ir-raba' akkwistat minnu u dak miżmum minn Ġanġu u kkapparra r-raba' li llum huwa tiegħu.

Jiddikjara li meta akkwista hu, l-aħwa Zammit mingħand minn akkwista kienu infurmawh li Ġanġu kien qed jokkupa r-raba' iżda ma qalulux li kien qed jokkupa b'titolu ta' kera. Iżid li l-impressjoni tiegħu kienet li Ġanġu ma kellux titolu. Jgħid li Toni u Leli, tnejn mill-awturi tiegħu li bigħulu, aċċertawh li huma qatt ma kienu taw kunsens lil Ġanġu sabiex jahdem ir-raba' mibjugħa lilu.

[15] Affidavit a fol 64 u 65.

Jiddikjara li wara xi zmien Ġanġu mar għandu u qallu li rid iħallsu. Iżid li kien qallu wkoll li qabel kien iħallas lil Sunta Buttigieg, ukoll waħda mill-awturi tiegħu – tal-attur.

Jgħid li hawn huwa qal lil Ġanġu jħallilu l-ktieb li kellu jew kopja tiegħu sabiex jara minn hemm. Iżid iżda li Ġanġu ma ħalliehx jara l-ktieb u wisq anqas tah kopja tiegħu. Jgħid li huwa anke talab kopja tal-ktieb permezz ta' ittri legali mibgħuta lil Ġanġu iżda xorta baqa' mingħajr kopja u għalhekk mingħajr prova ta' xi inkwilinat pretiż minn Ġanġu.

Jesibixxi kopja ta' żewġ ittri legali.[16]

Jgħid li wara dan huwa inkariga lil Perit Dimech sabiex isiru l-qsami bejn ir-raba' tiegħu u dik ta' Ġanġu. Jgħid li dwar dan iltaqgħu fir-raba' tiegħu hu, Ġanġu, u impjegat tal-perit. Jgħid li hawn Ġanġu beda jġib ruħu b'mod konfrontali u għalhekk l-impjegat tal-perit telaq. Iżid li minn dakinhar il-qsami baqgħu ma sarux.

Jiddikjara li Ġanġu miet fis-16 ta' Lulju, 2013 u, wara dan, mart Ġanġu marret għandu u hu talabha kopja tal-ktieb. Jgħid li hi qaltlu li huma qatt ma rċevew ittri f'dan is-sens.

Iżid li wkoll wara li miet Ġanġu, il-konvenuti avviċinawh sabiex jixtru r-raba' tiegħu.

Jgħid li huwa ra biss kopji tal-irċevuti mar-risposta ġuramentata għal dawn il-proċeduri. Iżid li huwa ċar li dawn l-irċevuti huma mitkubin mill-istess id u għalkemm juru li huma ffirmati minn Sunta Buttigieg u Toni Zammit; Sunta Buttigieg ma kinitx taf tikteb – u dan skont ma qallu Ġanġu stess – mentri Toni Zammit ħadd ma jaf minn hu. Jgħid għalhekk li skontu dawn l-irċevuti huma foloz.

Jgħid li prova oħra li tali rċevuti huma foloz hi li dawn jitkellmu fuq xelini li ma kinux għadhom jeżistu fis-snin 80 u 90.

Jgħid ukoll illi kieku Sunta Buttigieg kienet tassew kriet lil Ġanġu, dan ma setgħetx tagħmlu waħedha għax tali raba' kien tagħha u tal-ħames

[16] Kopja ta' ittra legali a fol 66 u oħra a fol 67.

hutha flimkien. Iżid għalhekk li jekk Sunta għamlet xi kirja tali kirja kienet invalida.

**In kontroeżami**, xehed[17] li huwa ilu midħla tal-inħawi fejn jinsab ir-raba' in mertu mindu kellu xi 15-il sena. Iżid li dan stante li ommu kellha bicctejn raba' fl-inhawi, jmissu ma' dawk tal-konvenuti. Jgħid li hu twieled fl-1963 għalhekk fis-snin 80 kien diġà jkun fl-inħawi.

Jgħid li r-raba' li xtara hu fiz-zmien kien jinħadem minn Ġanġu Zammit. Jaqbel li Ġanġu Zammit jiġi missier il-konvenuti. Jgħid li hu lil Ġanġu qatt ma kellmu qabel xtara r-raba' hu.

Jaqbel li hu xtara r-raba' fl-1994. Mistoqsi għalfejn qad jistenna li jmut Ġanġu qabel beda dawn il-proċeduri jgħid li għax Ġanġu kien mar fuqu u talbu jagħmillu rċevuta iżda rrifjuta jurih il-ktieb tal-kera. Jgħid li lil Ġanġu kien offrielu anke sabiex jieħu l-ktieb għand l-avukat tiegħu iżda dan xorta rrifjuta. Iżid li għamel snin jipprova jottjeni kopja tal-ktieb.

Jgħid li lil Ġanġu bagħtlu aktar ittri mit-tnejn li ppreżenta in atti datati s-7 ta' Settembru, 1994 u l-10 ta' Ottubru, 1995 – a fol 66 u 67. Jgħid li hu mingħalih li bagħat aktar ittri. Iżid li kopji ta' ittri oħrajn m'għandux f'idejh.

Mistoqsi għalfejn fl-20 sena bejn l-ittra tal-1995 u meta beda l-kawża qatt m'għamel xejn sabiex joħroġ lil Ġanġu mir-raba' tiegħu jgħid li huwa prova jevita l-Qorti u għalhekk rid jara l-ktieb. Iżid li peress li l-ktieb baqa' ma rahx kellu jibda l-proċeduri.

Jgħid li l-armla ta' Ġanġu, Carmela, kienet tmur tixtri mill-ħanut tiegħu fejn darba staqsieha għall-irċevuti sabiex jaraw jirranġawx xi ħaġa. Jgħid li Carmela nnegat li qatt irceviet ittri mingħandu b'talba għal kopja tal-irċevuti.

Dwar l-allegazzjoni tiegħu li l-irċevuti esibiti in atti mhumiex leġittimi, u suġġerit lilu li jekk wieħed iqabbel il-firma ta' Sunta Buttigieg fuq l-istess mal-firma tagħha fuq l-att li bih akkwista r-raba' hu jara li dawn huma l-istess firem, jgħid li hu dawk l-irċevuti qatt ma rahom.

[17] Traskrizzjoni a fol 160 sa 170.

Riferut in partikolari għall-ircevuta tal-15 ta' Awwissu, 1986 u mitlub iqabbel il-firma ta' Sunta Buttigieg fuqha mal-firma tal-istess Sunta fuq l-att ta' akkwist li huwa akkwista bih mingħandha, jgħid li mhux ser jikkummenta fuq hekk għax mhuwiex espert fil-kitba.

Jgħid li meta akkwista r-raba' hu kien innegozja ma' Leli Zammit. Iżid li Leli kien qallu li għalkemm Ġanġu kien jahdem ir-raba' ma' kellu xejn hemm. Jaqbel għalhekk li Leli Zammit qallu li Ġanġu kien qiegħed jahdem ir-raba' li kien ser jixtri hu.

Mistoqsi marx kellem lil Ġanġu qabel ma' xtara r-raba' jgħid li le. Iżid li qabad u xtara.

**Carmela Zammit**, omm il-konvenuti, xehdet[18] li żewġha kien jismu Michelangelo Zammit. Tgħid li r-raba' "Tal-Kamra tal-Ħofra", "Tal-Ħġieri", u "Ta' Ġordan" issa qiegħed f'idejn uliedha.

Tgħid li dan ir-raba' ġie għandhom bi qbiela li żewġha kien iħallas lil zijuh Toni Zammit. Iżżid li meta miet Toni żewġha baqa' jħallas il-qbiela lil uliedu. Tgħid li dan sakemm l-attur xtara r-raba' u meta żewġha mar sabiex iħallsu l-qbiela rrifjuta l-ħlas. Iżżid li hawn żewġha beda jiddepożita l-flus fil-Qorti.

Mistoqsija fejn huma l-kotba tal-qbiela tgħid li jew f'darha jew għand uliedha.

Mistoqsija għandhomx raba' ieħor f'idejhom apparti dak li tgħid li hu bi qbiela mingħand George, l-attur, tgħid li għandhom diversi biċċiet oħra. Iżżid li tali raba' jmiss ukoll ma' dak miżmum minnhom bi qbiela mingħand George. Tgħid li qsami bejn ir-raba' miżmum minnhom bi qbiela u raba' ieħor tagħhom hemm.

Tgħid li l-irċevuti tal-ħlas tal-qbiela kien jiktibhom Toni. Iżżid li żewġha kien imur għand Toni bil-ktieb, Toni kien jikteb u jiffirma l-irċevuta.

Tgħid li r-raba' li huwa issa tal-attur kien ta' Toni Zammit biss qabel l-attur.

[18] Traskrizzjoni a fol 76 sa 87.

Mistoqsija meta kien li żewġha ha r-raba' bi qbiela mingħand zijuh Toni tgħid li tahseb li dan sehh fis-snin 80, xi għaxar snin wara li żżewġu hi u żewġha.

Tgħid li minn wara li miet żewġha hi lill-attur darba b'kumbinazzjoni ratu. Tgħid li dakinhar qalilha xi ħaġa iżda nsiet x'qalilha. Iżżid li forsi qalilha sabiex jagħtuh r-raba'.

**In kontroeżami**, murija l-ewwel irċevuta tal-qbiela in atti, datata 1983 – a fol 35 – fejn jidher żewġha Ġanġu Zammit ihallas il-qbiela, murija wkoll l-ircevuti li jsegwu ffirmati minn certa Sunta Buttigeig, xehdet[19] li Sunta hija bint Toni Zammit. Tispjega li wara li miet Toni żewġha beda jħallas lil xi eredi tiegħu. Tgħid li kien iħallas lil Sunta żgur.

Tgħid li żewġha beda jiddepożita l-qbiela l-Qorti biss meta din ma baqgħetx tiġi aċċettata mill-attur.

**In ri-ezami**, xehdet[20] li ma tafx meta miet Toni Zammit. Tinsisti li meta miet Toni żewġha baqa' jħallas lill-werrieta tiegħu.

**Jeffrey Zammit**, konvenut, xehed in subizzjoni[21] li qabel seħħet din il-kawża mal-attur iltaqa' biss meta ġieli bagħat għalihom dwar il-ktieb tal-irċevuti. Jgħid li kien jitlobhom il-ktieb iżda huma ma setgħux jagħtuhulu.

Mistoqsi għamlux xi ħaġa oħra flok tawh il-ktieb jgħid li le.

Mistoqsi jekk almenu qattx urewh il-ktieb jgħid li hu ma jafx li wrieh il-ktieb.

Mistoqsi x'kienu jirrisponduh – lill-attur – meta kien jistaqsihom b'liema dritt kienu fir-raba' jgħid li lilu qatt ma staqsieh. Iżid li l-attur jaf li l-ħlas dwar ir-raba' kien isir il-Qorti u dan għax kien hu li ma aċċettax l-istess.

[19] Traskrizzjoni a fol 87 sa 90.
[20] Traskrizzjoni a fol 90 sa 92.
[21] Traskrizzjoni a fol 130a sa 130f.

Jgħid li fejn ir-raba' tal-attur miżmum minnhom huma għandhom raba' ieħor li huwa tagħhom proprja. Iżid li bejn ir-raba' tagħhom proprja u dak mizmum minnhom hemm il-qsami. Jgħid li tali qsami ilhom hemm ħafna. Jispjega li l-qsami qegħdin biss fl-ixfra tar-raba' mhux tul in-nofs ukoll. Jgħid li dan kif jafhom sa minn dejjem hu.

Jgħid li l-attur darba rid ibigħilhom ir-raba' u huma talbuh prezz. Iżid li l-prezz baqa' ma tahulhomx. Jinsisti li mhux minnu li kienu huma li talbuh jixtru. Jinsisti li kien l-attur li offra li jbigħilhom. Iżid li dan seħħ wara li kien diġà miet missierhom – missier il-konvenuti allura, reċentement.

Jgħid li fil-bidu missieru kien iħallas il-qbiela għand zijuh. Iżid li wara li miet iz-ziju ta' missieru l-qbiela bdiet titħallas għand il-kuġina ta' missieru. Jgħid li dan baqa' hekk sakemm ma baqax jiġi aċċettat il-ħlas u beda jiġi depożitat il-Qorti.

**Permezz ta' affidavit**,[22] jiddikjara li r-raba' li fuqu għandhom il-kwistjoni mal-attur jikkonsisti f'diversi biċċiet imqassmin fi tlitt ibnadi differenti li jsibuhom bħala "Tal-Ġordan", "Ta' Għakkar" sive "Tal-Wilġa", u "Tal-Kamra tal-Ħofra".

Jgħid li huwa għandu 40 sena u dan ir-raba' dejjem jafu għandhom. Jgħid li beda jaħdmu missieru mbagħad, meta miet missieru fl-2013, kompla jaħdmu hu u ħuh Louis.

Jiddikjara li missieru kien iħallas il-qbiela lil zijuh Toni Zammit. Iżid li wara li naqas Toni l-qbiela kompliet titħallas lil bintu, il-kuġina ta' missieru Sunta Buttigieg. Jiddikjara li kopja tal-irċevuti diġà ġiet annessa mar-risposta ġuramentata tagħhom.

Jiddikjara li huwa ġieli mar ma' missieru sabiex isir il-ħlas tal-qbiela għand Sunta. Iżid li jiftakar li f'waħda minn dawn id-drabi Sunta kellha idha nfaxxata u pruvat tiffirma kif tista'. Iżid li dan baqa' jseħħ sal-1992 meta xtara r-raba' l-attur, George, u ma riedx jaċċetta l-qbiela. Jgħid li hawn bdew jiddepożitaw il-qbiela fil-Qorti.

[22] Affidavit a fol 155.

**In kontroeżami**, xehed[23] li d-drabi li huwa mar ma' missieru sabiex isir il-ħlas tal-qbiela kienu marru fid-dar fejn kienu joqogħdu Toni u bintu Sunta. Iżid li kont tidhol fit-triq fejn hemm il-monument ta' San Guzepp imbagħad fi sqaq dejjaq. Jgħid li l-isem tat-triq ma jiftakrux.

Jgħid li lill-attur kellmu hu waħdu. Jaqbel li talbu kopja tal-ktieb tal-irċevuti. Iżid li ma kienx tah kopja. Jgħid li ma tahx kopja għax l-istess ktieb jintuża għal irċevuti oħrajn ma' terzi.

Mistoqsi setax almenu jurih il-ktieb jgħid li l-attur talbu jtih il-ktieb, mhux sabiex jara l-ktieb.

Suġġerit lilu li seta' qallu li ma jtihx il-ktieb iżda jħallih jarah jgħid li dakinhar hekk baqgħu.

Juri l-ktieb fil-Qorti. Mistoqsi jekk il-ktieb jibdiex mis-sena 1984 jgħid li dik l-irċevuta hija ta' ċerti Apap u m'għandhiex x'taqsam mal-attur jew il-kawża in mertu.

Mistoqsi jekk l-ewwel irċevuta li għandhom mal-awturi tal-attur hijiex tal-1983 jgħid li jista' jkun. Iżid li hu kien għadu qass twieled hemm. Jgħid li jahseb li dik kienet is-sena li missieru ha r-raba' in mertu sabiex jaħdmu.

Mistoqsi kif kienu jsiru l-ircevuti u min kien jiktibhom jgħid li jiftakar li ġieli kitibhom missieru mbagħad jiffirma s-sid.

Ma jaqbilx li ħafna mill-firem fil-ktieb huma ta' missieru stess. Jgħid li l-kitba tista tkun ta' missieru iżda l-firma tkun ta' minn ikun ircieva l-qbiela.

Jgħid li minkejja li l-attur jallega li kemm il-kitba kif ukoll il-firem huma ta' missieru, dak x'jgħid hu. Iżid li hu ġieli kien ma' missieru u kien ikun sid ir-raba' li jiffirma.

Jgħid li hu lil Toni Zammit jekk jiftakru ftit. Iżid li hu lil Sunta jaf sew.

[23] Traskrizzjoni a fol 172 sa 179.

Jgħid li hu jaf li kien imur ma' missieru u hemm kien ikun hemm Toni u Sunta. Jinsisti li hu lil Sunta rahha tiffirma b'għajnejh.

**Louis Zammit**, konvenut, xehed in subizzjoni[24] li hu lill-attur qatt ma kellmu.

Jgħid li l-ktieb tal-ħlas dejjem kien izommu missieru. Iżid li jaħseb li wara li miet missieru l-ktieb mar għand ħuh Jeffrey.

**Permezz ta' affidavit,**[25] jiddikjara li r-raba' li fuqu għandhom il-kwistjoni mal-attur jikkonsisti f'diversi biċċiet imqassmin fi tlitt ibnadi differenti li jsibuhom bħala "Tal-Ġordan", "Ta' Għakkar" sive "Tal-Wilġa", u "Tal-Kamra tal-Ħofra".

Jgħid li huwa għandu 49 sena u dan ir-raba' dejjem jafu għandhom. Jgħid li beda jaħdmu missieru mbagħad, meta miet missieru fl-2013, kompla jaħdmu hu u ħuh Jeffrey.

Jiddikjara li missieru kien iħallas il-qbiela lil zijuh Toni Zammit. Iżid li wara li naqas Toni l-qbiela kompliet titħallas lil bintu, il-kuġina ta' missieru Sunta Buttigieg. Jiddikjara li kopja tal-irċevuti diġà ġiet annessa mar-risposta ġuramentata tagħhom.

Jiddikjara li huwa ġieli mar ma' missieru sabiex isir il-ħlas tal-qbiela kemm għand Toni kif ukoll wara għand Sunta. Jgħid li ħuh Jeffrey ġieli mar ma' missieru wkoll. Iżid li dan baqa' jseħħ sal-1992 meta xtara r-raba' l-attur, George, u ma riedx jaċċetta l-qbiela. Jgħid li hawn bdew jiddepożitaw il-qbiela fil-Qorti.

**In kontroeżami**, xehed[26] li huwa għandu 50 sena. Iżid li jiftakar lil missieru jħallas il-qbiela kemm lil Toni Zammit kif ukoll lil bint Toni, Sunta. Jgħid li dak iż-żmien kellu taħt is-16-il sena.

Jgħid li Sunta dejjem hemm kienet tkun. Jgħid li kemm dam haj Toni kien jiffirma hu mbagħad bdiet tiffirma Sunta.

---

[24] Traskrizzjoni a fol 130g sa 130i.
[25] Affidavit a fol 154.
[26] Traskrizzjoni a fol 180 sa 186.

Jgħid li hu kien taht is-16-il sena kemm dam ħaj Toni b'dan li meta bdiet tiffirma Sunta kien imfarfar sew u jiftakar sew.

Jgħid li kemm lil Toni kif ukoll lil Sunta kienu jmorru jħallsuhom il-Qala, fl-istess dar.

Jgħid li lill-attur hu qatt ma kellmu.

Jiċħad li l-irċevuti kienu jinkitbu minn missieru u jiġu ffirmati minn missieru wkoll. Jgħid li dejjem is-sidien tar-raba' ffirmaw. Jgħid li kienu jiffirmaw Toni jew Sunta. Iżid illi li kieku kien mod ieħor ma kienx ikollhom imorru x'jagħmlu għandhom.

**Assunta sive Sunta Buttigieg**, awtriċi tal-attur fit-titolu tar-raba' in mertu, xehdet[27] li missierha kien Toni Zammit. Dwar ir-raba' in mertu tgħid li nsiet x'kuntratt kien sar dwarha. Iżżid li anqas taf kienx sar xi kuntratt.

Tgħid li taħseb li r-raba' in mertu kien għandhom. Iżżid li taħseb li mbagħad bigħuh lil xi ħadd.

Mistoqsija jekk l-istess raba' dejjem kienx f'idejhom jew qattx ħallew minn jaħdmu tgħid li dejjem f'idejhom kien.

Tgħid li hi ma tafx tikteb għax skola ma marritx.

Tgħid li ma tafx lil min bigħuh ir-raba' imma taħseb li ilu 30 sena jew iżjed li nbiegħ.

**In kontroeżami**, mistoqsija tiftakarx li r-raba' in mertu kienu tawh bi qbiela lill-missier il-konvenuti tgħid li hekk għandikun.

Tgħid li lil Ġanġu Zammit tiftakru. Iżżid li ma tafx kienx jaħdem ir-raba' in mertu. Taqbel li Ġanġu kien imur iħallasha darba fis-sena iżda ma tiftakarx kemm kien iħallas jew meta kien imur iħallas.

[27] Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija quddiem l-assistent gudizzjarju Dr. A. Attard Hili nhar it-18 ta' Novembru, 2022 – mhux paginata.

Taqbel li kienet tithallas tar-raba' in mertu. Taqbel li kien iħallas Ġanġu Zammit għax hemm kien jaħdmu hu.

**In rieżami**, xehdet li Ġanġu Zammit kien iħallas għaliex ir-raba' kien għandu. Tgħid li ma tafx sa meta kien għandu.

Tgħid li meta bigħu r-raba' in mertu ma tafx x'kien qed jiġri mill-istess raba' u jekk intqalx xi ħaġa fir-rigward.

**In kontroeżami ulterjuri**, xehdet li Ġanġu Zammit kien iħallasha għax kien jaħdem ir-raba' in mertu. Taqbel għalhekk li l-ħlas li kien isir lilha kien b'kumpens għall-fatt li Ġanġu kien qed jaħdem ir-raba' tagħha.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-attur, wara li ppremetta li huwa akkwista r-raba' in mertu b'żewġ kuntratti tal-1994 in atti Nutar Michael Refalo, u li l-konvenuti qegħdin jokkupaw l-istess mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, talab lil din il-Qorti sabiex tgħaddi għal deċiżjoni bid-dispensa tas-smigħ fejn tiddikjara li l-istess konvenuti qegħdin jokkupaw ir-raba' in mertu mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalhekk tordna lill-istess jiżgumbraw minn tali raba' entro terminu qasir u perentorju.

B'digriet tas-27 ta' Novembru, 2019, wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet, il-Qorti kienet sodisfatta li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu u għalhekk awtorizzathom jagħmlu risposta ġuramentata.[28]

L-ewwel talba attriċi sfat għalhekk eżawrita.

Fir-risposta ġuramentata tagħhom, il-konvenuti eċċepew li huma, bħala suċċessuri u eredi universali ta' missierhom Michelangelo sive Ġanġu Zammit li kellu f'idejh ir-raba' in mertu b'titolu ta' qbiela sa minn qabel ma akkwista l-istess raba' l-attur, wirtu l-istess titolu ta' qbiela.

[28] Digriet fil-verbal tal-udjenza tal-istess data a fol 32.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi bir-raba' eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti qablu li l-attur huwa llum sid id-diversi porzjonijiet raba' elenkati fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat tiegħu.

Dan il-fattur inkontestat huwa altrimenti kkonfermat ukoll mill-kopja tal-kuntratti ta' akkwist datati s-17 ta' Marzu, 1994 u l-24 ta' Marzu, 1994, it-tnejn in atti Nutar Michael Refalo, kopji ta' liema jinsabu in atti kif diġà deskritt fis-sezzjoni *"A. Preliminari"* ta' din id-deċiżjoni.[29]

Skont dawn iż-żewġ kuntratti ta' akkwist, l-attur akkwista mill-poter tal-aħwa Assunta Buttigieg, Emanuel, Victor, Ċarmen Camilleri, Antonia Sultana, u Maria Vella, aħwa ġermani Zammit, ulied Anthony sive Toni Zammit u Nazzarena nee' Attard, l-intier tar-raba' magħruf bħala "Tal-Kamra tal-Ħofra", "Tal-Wilġa" sive "Tal-Ħġieri", u "Tal-Ġordan" sive "Tal-Fenek" kif deskritti fir-rikors ġuramentat.[30]

Id-diżgwid bejn il-partijjiet kontendenti mhuwiex, fil-fatt, dwar it-titolu tal-attur għar-raba' in mertu, iżda dwar jekk il-konvenuti humiex jiddettjenu l-istess raba' b'titolu validu fil-liġi.

L-attur jikkontendi li l-konvenuti m'għandhom ebda titolu validu fil-liġi sabiex jiddettjenu dan-ir-raba' mentri l-konvenuti jinsistu li huma wirtu titolu validu ta' qbiela li kellu missierhom qabilhom liema qbiela kienet titħallas lil Anthony sive Toni Zammit jew bintu Assunta sive Sunta Buttigieg.

Sabiex jipprova t-tezi tiegħu, l-attur jikkontendi u jinsisti li meta huwa akkwista r-raba' in mertu ġie lilu spjegat mill-awturi fit-titolu tiegħu, l-aħwa ġermani Zammit, li għalkemm l-istess raba' kien f'idejn Michelangelo sive Ġanġu Zammit, missier il-konvenuti, dan ma kellu ebda titolu fuq l-istess raba'.

Ikompli, l-attur, sabiex jinsisti li kemm-il darba huwa talab prova tal-inkwilinat ta' Michelangelo sive Ġanġu Zammit kemm mingħandu stess u, wara mewtu, mingħand l-armla tiegħu u wliedu, dawn baqgħu qatt

---

[29] Kopji tal-kuntratta a fol 5 *et seq* u a fol 11 *et seq*.
[30] Ref. l-ewwel premessa tar-rikros guramentat a fol 1 *et seq*.

ma pprovdewh b'tali prova, minkejja li anke kitbilhom ittri legali bl-avukat.[31]

Daparti tagħhom, il-konvenuti jinsistu li missierhom dejjem ħallas il-qbiela dovuta fuq ir-raba' in mertu lil dakinhar padruni diretti, Anthony sive Toni Zammit jew bintu Assunta Buttigieg. B'dan li wara li xtara l-attur prova jkompli jħallas lill-istess attur li iżda rrifjuta l-ħlas b'missierhom kellu għalhekk jirrikorri sabiex jagħmel varji ċedoli ta' depożitu kif wara mewtu għamlet ommhom, armla ta' missierhom, flimkien magħhom u ħuthom u eventwalment komplew jagħmlu huma sa ma ġiet istitwita din il-kawża.

Hawnhekk, l-attur, fil-ġbir tla-provi tiegħu, jagħmel premessa li jekk Assunta sive Sunta Buttigieg tassew aċċettat xi ħlas mill-awtur ta', u missier il-konvenuti, dan ma kkreax inkwilinat validu stante li r-raba' in mertu ma kienx appartenenti lilha biss iżda kien jappartjeni lilha flimkien ma ħutha mingħand minn fil-fatt akkwista huwa.

Il-konvenuti jkomplu sabiex jgħidu li mhux talli missierhom dejjem ħallas il-qbiela dovuta iżda talli huma jiftakruh ċar jagħmel hekk għax ġieli anke marru miegħu sabiex sar il-ħlas fid-dar tad-dakinhar padurni diretti Anthony sive Toni Zammit u bintu Assunta sive Sunta Buttigieg li kienet tgħix miegħu. Ikomplu sabiex jirrakkontaw li mall-ewwel malli xtara r-raba' in mertu l-attur, dan beda jirrifjuta l-ħlas tal-qbiela b'missierhom irrikorra sabiex beda jagħmel ċedola tal-ħlas taħt l-awtorità tal-Qorti.

Bi prova tat-teżi tagħhom il-konvenuti jressqu sensiela ta' kopji ta' rċevuti għall-ħlas tal-qbiela għas-snin 1983 sa 1993, li jgħidu li jista jagħti l-każ li kienu jinkitbu minn missierhom iżda li ċertament kienu jiġu ffirmati mill-padruni diretti.[32] Jesibixxu wkoll sensiela ta' ċedoli ta' depożitu li bdew isiru minn missierhom fis-sena 1994,[33] s-sena li fiha fil-fatt akkwista l-art in mertu l-attur, u komplew għamlu ommhom bħala armla ta' missierhom, u huma flimkien mar-rimanenti ħuthom wara l-mewt ta' missierhom fis-sena 2013 u huma mis-sena 2015-il quddiem.[34]

---

[31] Ref kopji ta' zewg ittri legalia fol 66 u 67.
[32] Ref. kopji a fol 35 sa 37.
[33] Ref. ic-ċedola tal-5 ta' Settembru, 1994 a fol 38.
[34] Ref. ċedoli addizzjonali magħmulha minn Michelangelo siva Ġanġu Zammit fis-snin 1995, 1997, 1999, 2002, 2004, 2006, 2008, 2010, 2012 li jkopru iżda is-snin 1995 sa 2012, dik magħmulha wara mewtu mill-armla tiegħu u uliedu fis-sena 2013 u dawk magħmulah mill-kovennuti odjerni fis-snin 2015, 2017 u 2019 li jkporu iżda is-snin 2014 sa 2019, sena li fiha ġiet istitwita din l-istanza.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi hawnhekk din il-Qorti għandha għalhekk quddiemha żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti dwar ir-raba' in mertu.

Issa kif inhu risaput, il-ġurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti f'dan ir-rigward.

Kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et,***[35] meta si tratta ta' żewġ verzjonijiet kontrastanti, il-każ neċessarjament jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilità u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[36] ġie ritenut:

> *Fil-kamp civili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti għall konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta mingħajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

F'din il-kawża preżenti, din il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet opposti dwar jekk il-konvenuti għandhomx jew le titolu validu fil-liġi li bih qegħdin jippossjedu r-raba' in mertu.

B'dana iżda li filwaqt li bi prova tal-verżjoni ritenuta minnu, l-attur jidher iressaq biss ix-xhieda tiegħu stess mogħnija b'konġetturi li l-awturi fit-titolu tiegħu, l-aħwa permani Zammit, għalkemm *ex admissis* nfurmawh li r-raba' kienet possjeduta minn Michelangelo sive Ġanġu Zammit, allegatament wissewh li l-istess ma kellu ebda titolu fil-liġi sabiex

[35] Appell Civili Numru. 152/1999/2.
[36] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

jiddettjeni l-istess; il-konvenuti jidhru jressqu provi ferm aktar konvinċenti tal-inkwilinat tagħhom fir-raba′ in mertu mhux biss permezz tal-irċevuti u ċedoli ta′ depożitu diġà msemmija iżda, ta′ importanza u rilevanza kbira; bix-xhieda ta′ Assunta sive Sunta Buttigieg li għalkemm fil-bidu tat-testimonjanza tagħha dehret daqsxejn perplessa anke dwar x′għamlet bir-raba′ tagħha stess, aktar ′il quddiem fl-istess testimojanza tagħha xehdet u rribadiet li tali raba′ kien tagħhom u bigħuh iżda li l-istess kien miżmum u jinħadem minn Michelangelo sive Ġanġu Zammit li kien imur għandha sabiex jagħmel xi ħlas li tagħraf u taċċetta bħala ħlas li kien isir b′korrispettiv tal-fatt li l-istess Michelangelo sive Ġanġu Zammit kien jaħdem l-istess raba′.

Huma minnu li Assunta Buttigieg stess tixhed li hija skola ma tafx u li ma tafx tikteb. Kwistjoni li fix-xheida tiegħu l-attur jissofferma ruħu fuqha kemm-il darba sabiex jittenta jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-irċevuti esibiti mill-konvenuti huma fażulli u manifatturati bl-intenzjoni li tintrebaħ kawża bħal din tal-lum.

Huwa minnu wkoll li għalkemm fil-kontroeżami tal-attur, id-difensur tal-konvenuti jittenta jqabbel il-firma ta′ Assunta sive Sunta Buttigieg kif tidher fuq tali irċevuti mal-firma tagħha fuq il-kuntratt li bih hi u ħuha Emanuel sive Leli Zammit biegħu l-ewwel porzjon mill-art in mertu lill-attur – kuntratt ta′ kompravendità tas-17 ta′ Marzu, 1994 in atti a fol 5 *et seq* – fuq il-kopja tat-tali kuntratt magħmula disponibbli għall-eżami ta′ din il-Qorti ma tidher ebda firma ta′ Assunta sive Sunta Buttigieg iżda jidhru biss l-inizzjali ta′ isimha u kunjomha stilografati bil-firma semmai tidher fuq il-pjanti annessi mal-istess att ta′ kompravendità mingħajr iżda ma tqabbad espert tal-kaligrafija sabiex jagħmel eżerċizzju ta′ kumparazzjoni.

B′dan iżda li din il-Qorti hija ben sodisfatta kemm li l-ircevuti tal-ħlas ta′ qbiela esibiti in atti – partikolarment meqjusa fid-dawl tax-xhieda miġjuba mill-partijiet – huma veraci iżda, forsi aktar importanti minn hekk, li għall-iskop ta′ din il-vertenza li mhijiex tattakka l-validità tat-tali irċevuti dawn huma suffiċjenti, meta kkunsidrati mal-assjem tal-provi rimanenti, sabiex iwasslu għall-konvinzjoni ta′ din il-Qorti li kien hemm relazzjoni ta′ padrun dirett ma′ pussessur bi ħlas ta′ korrispettiv ta′ qbiela dwar ir-raba′ in mertu.

Dan, finalment, jagħrfu l-attur nniffsu li *ex admissis* jixhed li Emanuel sive Leli Zammit, mingħand min, flimkien ma' Assunta sive Sunta Buttigieg, huwa xtara l-ewwel porzjonijiet indiviżi tar-raba' in mertu kien għarfu li r-raba' in mertu kien qiegħed jinħadem minn Michelangelo sive Ġanġu Zammit. Huwa wkoll ikkorraborat mix-xhieda ta' Assunta sive Sunta Buttigieg li tikkonferma li r-raba' in mertu kien fil-pussess ta', u jinħadem minn, Michelangelo sive Ġanġu Zammit.

Dwar il-kontestazzjoni tal-attur li jekk tassew Assunta sive Sunta Buttigieg tat xi titolu lill-missier il-konvenuti tali titolu mhuwiex validu għax ma sarx mill-aħwa kollha ġermani Zammit, l-awturi fit-titolu tiegħu; din il-Qorti tosserva li semmai l-provi juru li t-titolu ta' qbiela koncess lill-awtur tal-konvenuti, missierhom Michelangelo sive Ġanġu Zammit, ġie koncess lilu mill-antenat tal-istess Assunta Buttigieg, missierha Anthony sive Toni Zammit, tant li l-ewwel irċevuti tal-qbiela in atti juri firma ta' Toni Zmamit.[37]

Oltre dan, l-atti tal-akwwist tal-attur tas-17 ta' Marzu, 1994 u l-24 ta' Marzu, 1994, fil-parti tagħhom dwar il-provenjenza tat-titolu tal-hemmhekk vendituri aħwa germani Zammit, ulied Anthony Zammit u Nazzraena nee' Attard, jindikaw li r-raba' in mertu ippervjena lill-istess aħwa Zammit mill-wirt ta' missierhom Anthony Zammit.[38]

Huwa għalhekk inkonfutabbli li l-qbiela li kkonċeda missier l-awturi tal-attur għaddiet għand l-istess awturi tal-attur aħwa ġermani Zammit, ulied Anthony sive Toni Zammit, b'min mill-istess aħwa kien awtorizzat jew kien jiġbor il-qbiela f'isem l-assjem tal-eredi tal-istess Anthony sive Toni Zammit hija kwistjoni interna għall-istess eredi ta' Anthony sive Toni Zammit li mhijiex sindikabbli minn din il-Qorti f'din il-vertenza.

Minn dan, jirriżulta għalhekk ċar li l-konvenuti tassew wirtu titolu ta' qbiela mingħand missiehrom fuq l-art in mertu.

Jibqa iżda fattur rilevanti li jirrigwarda n-nuqqas tal-konvenuti f'li jipprovdu lill-attur informazzjoni li setgħet twassal għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni li wasslet għal din il-vertenza mingħajr il-ħtieġa li ssir din il-kawża.

[37] Ref. kopji ta' irecvuti a fol 35.
[38] Ref. il-hames paragrafu fil-pagna tal-kuntratt tas-17 ta' Marzu, 1994 li tinsab a fol 6 u l-hames paragrafu fil-pagna tal-kuntratt tal-24 ta' Marzu, 1994 li tinsba a fol 12.

Tul l-andament ta' dawn il-proċeduri l-attur insista li minkejja d-diversi talbiet tiegħu, inkluż permezz ta' ittri legali, il-konvenuti naqqsu milli jtuh prova tal-inkwilinat tagħhom.

Dan, il-konvenuti ma jinnegawhx anzi, wieħed minnhom jixhed li huwa qatt ma tkellem mal-attur mentri l-ieħor jgħid li huwa qatt ma pprovda prova tal-inkwilinat għaliex l-attur talbu l-kiteb tar-raba' jew tal-irċevuti, mhux kopja tiegħu biss, b'dan li huwa m'għamel xejn dwar dan, anqas biss issuġġerixxa li jekk il-ktieb ma jitilqux minn idejh almenu kopja tiegħu jagħtiha.

Il-Qorti tqis din l-imġiba tal-konvenuti bħala rilevanti fis-sens li potenzjalment, kieku l-attur kellu jara dak li ġie espost f'din l-istanza qabel ipproċeda bl-istess, forsi ma kien jipproċedi xejn jew kien jipproċedi mod ieħor.

Dan ser ikun rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' t-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet atturi *in toto*.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuti.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**